**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0168/2024**

8.3.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja
(2024/2580(RSP))

**Anna Fotyga, Lars Patrick Berg, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan, Anna Zalewska, Beata Kempa, Jacek Saryusz-Wolski, Eugen Jurzyca**
f'isem il-Grupp ECR

**B9-0168/2024**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar rabtiet eqreb bejn l-UE u l-Armenja u l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja**
**(2024/2580(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Armenja u l-Ażerbajġan,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (CEPA)[2], li daħal fis-seħħ fl-intier tiegħu fl-1 ta' Marzu 2021,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan min-naħa l-oħra[3] (Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Ażerbajġan), fis-seħħ mill-1999,

– wara li kkunsidra l-eżitu tal-ħames laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja tat-13 ta' Frar 2024,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tad-9 ta' Frar 2024 bit-titlu "Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tas-Sħubija dwar l-Armenja" (SWD(2024)0041),

– wara li kkunsidra t-tnedija tal-Missjoni tal-UE fl-Armenja (EUMA) fl-20 ta' Frar 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja huma bbażati fuq il-valuri komuni, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u fuq interess komuni fl-impenn tal-Armenja fir-riformi ekonomiċi u politiċi kif ukoll fil-kooperazzjoni reġjonali, inkluż fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant;

B. billi l-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja ltaqa' għall-ħames darba fi Brussell fit-13 ta' Frar 2024; billi l-laqgħa kkonfermat l-interess u l-impenn reċiproċi tal-UE u l-Armenja biex isaħħu u japprofondixxu r-relazzjonijiet tagħhom abbażi ta' valuri komuni;

C. billi l-UE u l-Armenja qablu li jagħtu bidu għal ħidma fuq Aġenda ta' Sħubija ġdida bejn l-UE u l-Armenja, li tistabbilixxi prijoritajiet konġunti aktar ambizzjużi għall-

[1] Testi adottati, P9_TA(2024)0104.
[2] ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.
[3] ĠU L 246, 17.9.1999, p. 1.

kooperazzjoni fid-dimensjonijiet kollha;

D. billi l-Armenja għaddiet minn bidliet politiċi kbar f'dawn l-aħħar snin u l-gvern huwa impenjat kemm li jiżgura istituzzjonijiet demokratiċi li jiffunzjonaw b'mod ġenwin kif ukoll li juża s-CEPA bħala pjan ta' azzjoni għar-riformi biex jimmodernizza l-pajjiż, minkejja sfidi konsiderevoli;

E. billi l-Armenja għamlet aktar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi f'oqsma ewlenin bħall-ġustizzja u l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi l-Armenja għamlet ukoll progress sinifikanti fl-oqsma tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tal-migrazzjoni u tal-protezzjoni ċivili;

F. billi l-Armenja wriet l-intenzjoni tagħha li tkompli tiżviluppa u tapprofondixxi s-sħubija u l-kooperazzjoni tagħha mal-UE, inkluż permezz ta' relazzjonijiet bilaterali u fi ħdan il-qafas ta' politika reġjonali tas-Sħubija tal-Lvant; billi l-proġett "Crossroads of Peace" tal-Armenja jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni u l-konnettività reġjonali; billi fis-17 ta' Ottubru 2023 fil-Parlament Ewropew, il-Prim Ministru Nikol Pashinyan indika li l-Armenja tinsab lesta li toqrob lejn l-Unjoni Ewropea;

G. billi l-UE u l-Armenja ddiskutew l-għażliet biex jinbeda djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża;

H. billi l-UE tibqa' l-akbar donatur fil-pajjiż, b'appoġġ importanti fl-oqsma tal-ġustizzja, tal-istat tad-dritt, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tal-edukazzjoni u tat-tranżizzjoni ekoloġika;

I. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha implikazzjonijiet negattivi għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u kompliet tikkomplika s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun; billi l-allegata rieda tar-Russja li tiggarantixxi s-sigurtà tal-Armenja wriet li ma teżistix; billi l-Armenja diġà rnexxielha ddgħajjef ir-rabtiet tagħha mar-Russja fir-rigward tas-sigurtà, peress li l-parteċipazzjoni tagħha fl-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO) immexxija mir-Russja ġiet iffriżata, għalkemm għadha fl-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika;

J. billi fid-19 ta' Settembru 2023, l-Ażerbajġan nieda offensiva militari mhux provokata biex jerġa' jikseb, bil-forza, il-kontroll fuq it-territorju tiegħu rikonoxxut internazzjonalment tan-Nagorno-Karabakh, li ntemm bl-eżodu tal-popolazzjoni Armena minn dan it-territorju; billi l-istituzzjonijiet statali kollha tal-hekk imsejħa Repubblika tan-Nagorno-Karabakh ġew xolti mill-1 ta' Jannar 2024; billi l-ostilitajiet li reġgħu bdew fil-Kawkasu tan-Nofsinhar huma kawża ta' tħassib serju u jirrikjedu involviment aktar proattiv tal-UE fir-reġjun; billi l-prospetti għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan għadhom fraġli, u din hija r-raġuni għaliex l-UE għandha tappoġġja u tħeġġeġ liż-żewġ naħat fi triqithom biex jilħqu ftehim ta' paċi, inkluż billi toffri l-prospett ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE jekk jiddeċiedu li jsegwu dik it-triq;

K. billi l-kunflitti armati bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan kellhom impatt katastrofiku fuq il-wirt kulturali, reliġjuż u storiku tar-reġjun kollu, li rriżulta fl-ispostament furzat tan-nies u fil-qerda tal-wirt kulturali tagħhom;

L. billi fit-13 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ħabbret l-allokazzjoni ta' EUR 5,5 miljun addizzjonali f'għajnuna umanitarja biex tappoġġja lill-Armeni spostati mir-reġjun tan-Nagorno-Karabakh, flimkien mat-EUR 12,2-il miljun imħabbra f'Settembru 2023;

M. billi, allegatament, aktar minn 20 000 Armen għadhom detenuti f'Baku fejn qed jistennew proċess – il-biċċa l-kbira tagħhom huma persuni ċivili u/jew ħaddiema tal-għajnuna umanitarja;

N. billi normalizzazzjoni sostenibbli tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan tirrikjedi li tieqaf il-vjolenza kollha; billi l-kummissjonijiet statali tal-Ażerbajġan u tal-Armenja dwar id-delimitazzjoni tal-fruntieri reċiproċi tagħhom iltaqgħu għas-seba' darba; billi ż-żewġ naħat iddeċidew li jlestu l-ftehim "malajr kemm jista' jkun", li għandu jkun pass importanti lejn l-iffirmar tat-trattat ta' paċi; billi għandu jikkontribwixxi wkoll għall-istabbiltà fit-tul tar-relazzjonijiet bilaterali u tar-reġjun usa' kollu kemm hu; billi dan l-għan jista' jintlaħaq biss meta l-awtoritajiet tal-Armenja u tal-Ażerbajġan ikunu jistgħu jiggarantixxu l-koeżistenza paċifika u r-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi;

O. billi fis-7 ta' Diċembru 2023, l-Armenja u l-Ażerbajġan ħarġu dikjarazzjoni konġunta li tħabbar miżuri tanġibbli għat-tisħiħ tal-fiduċja, inkluż il-ħelsien ta' 32 uffiċjal militari Armen detenuti u żewġ uffiċjali militari tal-Ażerbajġan; billi l-Ażerbajġan għadu jżomm 23 ostaġġ Armen, fosthom eks mexxejja tan-Nagorno-Karabakh;

P. billi erba' suldati Armeni nqatlu f'attakk mill-Ażerbajġan fuq Nerkin Hand fil-Provinċja ta' Syunik fit-13 ta' Frar 2024, l-aktar eskalazzjoni intensa tul il-fruntiera f'dawn l-aħħar xhur;

Q. billi minn Diċembru 2023 saru għadd ta' laqgħat bilaterali bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, fosthom f'livell għoli bejn il-Prim Ministru tal-Armenja Nikol Pashinyan u l-President tal-Ażerbajġan Ilham Aliyev fi ħdan il-qafas tal-Konferenza ta' Munich dwar is-Sigurtà fis-17 ta' Frar 2024; billi filwaqt li ż-żewġ mexxejja jsostnu li qablu dwar il-prinċipji ewlenin ta' trattat ta' paċi, iż-żewġ naħat jesprimu nuqqas ta' qbil dwar ħafna dettalji, fosthom il-ftuħ ta' konnessjonijiet tat-trasport, id-delimitazzjoni u d-demarkazzjoni tal-fruntieri, u dwar min għandu jagħmilha ta' medjatur; billi l-UE offriet l-assistenza tagħha għan-negozjati bejn iż-żewġ naħat;

R. billi t-twissijiet preċedenti mill-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni ma wasslu għall-ebda bidla sinifikanti fil-politika tal-UE fil-konfront tal-Ażerbajġan; billi tletin sena ta' sforzi ta' diplomazija u ta' konsolidazzjoni tal-paċi mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, mill-UE u minn atturi internazzjonali oħra naqsu milli jiskoraġġixxu lill-Ażerbajġan milli juża l-forza militari tiegħu, u milli jsibu soluzzjoni paċifika għall-kunflitt;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li għamlet l-Armenja fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tas-CEPA; jistieden lill-membri tal-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja jikkollaboraw mill-qrib biex jimplimentaw ir-riformi li għaddejjin bħalissa u dawk futuri;

2. Itenni l-impenn tal-UE li tappoġġja s-sovranità, id-demokrazija u l-integrità territorjali tal-Armenja; jemmen li l-UE jeħtiġilha tipprovdi lill-Armenja pjan ambizzjuż għall-

kooperazzjoni billi taġġorna l-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ attwali, li jankra lill-Armenja b'mod aktar sod fil-komunità tad-demokraziji tal-Punent u jgħinha tiżblokka r-relazzjonijiet mal-ġirien;

3. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-gvern elett b'mod demokratiku tal-Armenja; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru Nikol Pashinyan li l-Armenja mhux se tiddaħħal fi gwerra ġdida mal-Ażerbajġan u l-appelli reċenti tiegħu biex jerġgħu jinbdew it-taħditiet ta' paċi fl-ogħla livell mal-Ażerbajġan;

4. Jilqa' r-ratifika min-naħa tal-Armenja tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

5. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea tniedi d-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża bejn l-UE u l-Armenja, li se jrawwem il-kuntatti bejn il-persuni u se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ulterjuri tar-riformi;

6. Ifaħħar ir-rwol tas-soċjetà ċivili fit-tranżizzjoni tal-Armenja minn sistema post-Sovjetika għal demokrazija tat-tip tal-Punent u jħeġġeġ lill-UE tkompli tappoġġja l-isforzi tal-poplu tal-Armenja biex jikseb riformi dejjiema f'pajjiżhom, abbażi tal-istat tad-dritt u l-valuri kondiviżi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw jesploraw l-għażliet għall-għoti tal-istatus ta' kandidat lill-Armenja, filwaqt li jqisu l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-pajjiż, u jqis li l-pajjiż għandu joħroġ mis-CSTO mmexxija mir-Russja u mill-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika; jappella lill-UE tressaq miżuri biex ittaffi l-konsegwenzi ta' tali deċiżjoni;

8. Jikkundanna l-indħil tar-Russja fl-Armenja, li għandu l-għan li jxerred l-inkwiet, kif ukoll ir-rwol ġenerali tar-Russja, li ħeġġet il-kunflitt għal għexieren ta' snin, u użatu għall-gwadanji politiċi tagħha stess;

9. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tassisti lill-Ażerbajġan fit-tneħħija tal-mini min-Nagorno-Karabakh, fejn tħallew 1,5 miljun mina tal-art, xi wħud minnhom prodotti reċentement fl-2021; jenfasizza li dawn il-mini, kull ġimgħa, qed jikkawżaw imwiet u qed ikunu ta' problema serja għall-iżvilupp ekonomiku, għar-ritorn ta' persuni spostati internament (IDP), għall-agrikoltua u għall-proġetti ta' kostruzzjoni u trasport;

10. Itenni l-kundanna tiegħu tal-inkursjonijiet militari tal-Ażerbajġan fit-territorju rikonoxxut internazzjonalment tal-Armenja f'dawn l-aħħar snin; itenni t-talba tiegħu li t-truppi tal-Ażerbajġan jiġu rtirati mit-territorju sovran kollu tal-Armenja u li l-Armeni kollha miżmuma illegalment jinħelsu; jikkundanna l-attakk reċenti fuq suldati Armeni f'Nerkin Hand; jenfasizza li l-kwistjonijiet ta' konnettività tal-Ażerbajġan mat-territorju tiegħu ta' Nakhchivan għandhom jiġu solvuti b'rispett sħiħ għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Armenja; ifakkar li soluzzjoni potenzjali għal din il-problema tista' tkun ibbażata fuq il-mudell eżistenti tad-distrett ta' Królewiec;

11. Itenni l-kundanna tiegħu tal-attakk ippjanat minn qabel u mhux ġustifikat mill-Ażerbajġan kontra l-Armeni tan-Nagorno-Karabakh u n-nies li baqgħu fir-reġjun; jistieden lill-awtoritajiet Ażerbajġani jippermettu r-ritorn sikur tal-popolazzjoni Armena fin-Nagorno-Karabakh u joffru garanziji sodi rigward il-protezzjoni tad-drittijiet

taghhom; jeżiġi l-protezzjoni tal-wirt kulturali, storiku u reliġjuż tal-Armenja fin-Nagorno-Karabakh f'konformità mal-istandards tal-UNESCO u l-impenji internazzjonali tal-Ażerbajġan;

12. Jissottolinja d-dritt tar-rifuġjati Armeni li jirritornaw lejn in-Nagorno-Karabakh; jilqa' l-fatt li djarhom komplew jiġu protetti mill-pulizija tal-Ażerbajġan minn meta telqu f'Settembru 2023 u li Baku dewwem ir-ritorn tal-persuni spostati internament tal-Ażerbajġan lejn Khankendi u postijiet oħra abbandunati mill-Armeni f'Settembru 2023; jistieden lil Baku jsaħħaħ din il-protezzjoni sabiex jelimina każijiet ta' sakkeġġ; jirrimarka li jekk xi Armeni jiddeċiedu li ma jirritornawx, id-drittijiet tal-proprjetà jridu jiġu solvuti b'mod ġust miż-żewġ naħat;

13. Jenfasizza li l-Armenja u l-Ażerbajġan issa huma eqreb minn qatt qabel biex jiffirmaw ftehim ta' paċi li jista' jwitti t-triq għall-integrazzjoni ekonomika u tat-trasport tal-Kawkasu, integrazzjoni li tespandi lejn l-Ewropa fil-Punent u lejn l-Asja Ċentrali fil-Lvant;

14. Jesprimi t-tama tiegħu li jekk jintlaħaq ftehim ta' paċi dejjiemi dalwaqt, l-Armenja fl-aħħar se jkollha l-opportunità li toħroġ mill-iżolament reġjonali tagħha u mir-relazzjonijiet diplomatiċi miftuħa tagħha mat-Turkija u mal-Ażerbajġan, u sussegwentement tikseb benefiċċji ekonomiċi u kummerċjali mill-integrazzjoni fir-reġjun; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab tagħha jappoġġjaw dan il-proċess;

15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ftehim ta' paċi komprensiv bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan; jemmen li djalogu ġenwin bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja huwa l-unika triq sostenibbli 'l quddiem u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw tali sforzi, li jridu jinkludu r-rikonoxximent reċiproku tal-integrità territorjali, il-garanziji għad-drittijiet u s-sigurtà tal-popolazzjoni Armena tan-Nagorno-Karabakh, il-ħelsien tal-priġunieri li fadal, fosthom l-eks mexxejja tan-Nagorno-Karabakh, u t-tmiem tal-proċessi fittizji kontrihom; jenfasizza li paċi reġjonali dinjituża u dejjiema li żżomm is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali għaż-żewġ pajjiżi hija prerekwiżit għall-istabbiltà fil-viċinat; jinsab imħasseb dwar it-tentattivi minn xi mexxejja u setgħat reġjonali biex jisfruttaw is-sitwazzjoni attwali b'mod li jista' jhedded il-prospetti fraġli għall-paċi;

16. Jistieden lill-missjoni ċivili tal-UE fl-Armenja (EUMA) timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi fuq il-post, tipprovdi rapportar trasparenti lill-Parlament u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-mandat tal-EUMA, iżidu d-daqs tagħha u jestendu d-durata tagħha;

17. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jkomplu jappoġġjaw lill-Armenja permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, b'mod partikolari bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha kontra t-theddid ibridu, sabiex l-ispazju ta' sigurtà tagħha jitkabbar lil hinn mis-CSTO; jilqa' l-istabbiliment tad-Djalogu Politiku u ta' Sigurtà bejn l-UE u l-Armenja u t-tieni laqgħa tiegħu fil-15 ta' Novembru 2023; jitlob li jiġu stabbiliti konsultazzjonijiet regolari dwar is-sigurtà u d-difiża bejn l-Armenja u l-Unjoni Ewropea, li jipprovdu pjattaforma biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u lill-President tal-Armenja, lill-Gvern u lill-President tal-Ażerbajġan, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lid-Direttur Ġenerali tal-UNESCO u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.